**572. Is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet Volontarji, l-Onor. Clifton Grima, f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, ippropona:**

Billi wara li fit-13 ta' Lulju 2020, din il-Kamra tad-Deputati approvat b'mod unanimu riżoluzzjoni speċjali *ai termini* tal-artikolu 31(c) tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern (Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta) li permezz tagħha l-proprjetà indikata fil-kuntratt ta' ċens temporanju u l-*Concession Agreement*, annessi ma' dik ir-riżoluzzjoni ġew trasferiti bl-istess titolu ta' ċens temporanju għal 65 sena lis-soċjetà Marsa Race Track Limited, liema kumpanija kienet l-unika waħda li ssottomettiet proposta lill-Privatisation Unit wara Request for Proposals għall-privatizzazzjoni tal-istess Korsa tal-Marsa;

Billi l-kuntratt kif approvat fir-riżoluzzjoni tal-Kamra tas-17 ta' Lulju 2019 u tat-13 ta' Lulju 2020 ma jinkludix emendi li qed jiddaħħlu fl-imsemmi kuntratt;

Billi hija politika tal-Gvern li jinvesti fl-isport u jippromwovi kull tip ta' sport sabiex joffri firxa ta' rikreazzjoni l-aktar wiesgħa possibbli;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tal-artikolu 31 tal-Kap. 573 li l-art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-waqt tat-trasferiment;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali ġdida tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut illi l-proprjetà kif deskritta fl-abbozz tal-kuntratt anness, l-art tiġi mogħtija b'titolu ta' enfitewżi temporanja għal perjodu ta' ħamsa u sittin (65) sena, u dan *ai termini* tal-artikolu 31 (c) tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern (Kap. 573) u dan skont il-pattijiet u l-kundizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz.

14.07.2021